**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012
------------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA29.**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 6 ta' Jannar 2014, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-6.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - Viċi *Chairperson.*
Is-Sur Vincent Borg - Membru

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Michele Fenech Adami – Membru u s-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-31 ta' Diċembru 2013.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Kisi tal-Passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi.
3. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
4. Xogħlijiet ta' tisbiħ fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.
5. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
6. Mistoqsijiet mill-membri.
7. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA28.

**2.00 Kisi tal-Passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi.**

2.01 Il-Kumitat iddeċieda li dan il-passaġġ isir kollu. Bħalissa se jinbeda xogħol b' ammont ta' €30,000 - €10,000 minn fondi tal-Unjoni Ewropea u €20,000 mill-iskema tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-Fondi tal-Kumitati.
Għall-bqija tax-xogħol se tinħareġ sejħa għall-offerti u l-Kumitat se japplika għall-fondi tal-UIF.

**3.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.**

3.01 Beda x-xogħol fi Triq ir-Rumani u Triq il-Kavallieri. Instab li d-*drainage* ta' Triq il-Kavallieri jaqleb 'il ġewwa minflok 'il barra u x-xogħol waqaf sabiex isir il-*main* tad-*drainage* mill-ġdid.

**4.00 Xogħlijiet ta' tisbiħ fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.**

4.01 Qegħdin jitkomplew ix-xogħlijiet fi Triq il-Kantra. Ix-xogħol kien waqaf minħabba l-festi tal-Milied.

**5.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-applikazzjoni sabiex jitpoġġew imwejjed, siġġijiet u umbrelel quddiem 'Pirates Galley', f'Xatt ix-Xlendi. Il-Kumitat ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li jiġu osservati l-kundizzjonijiet imposti mill-MTA u l-MEPA.

5.02 Is-Segretarju Eżekuttiv kien mitlub jitla' jixhed dwar jekk tax xi permessi ta' mwejjed fix-Xlendi. Ir-risposta kienet fin-negattiv.

5.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li għas-sena 2014 il-Kumitat għandu s-somma ta' €2,000 sabiex jintefqu peress li dawn huma ġejjin mill-kera tal-*Kiosk*.

**6.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

6.01 Is-Sur Vincent Borg reġa' fakkar dwar l-i*spotlight* tal-Għar ta' Karolina.

**7.00 Materji oħra.**

7.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***